**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 12/12(23_02_12).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 23 ta' Frar 2012, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, tal-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana – Sindku.
Is-Sur Mario Camilleri – Kunsillier.
Is-Sinjura Carmen Said – Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech – Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Saviour Spiteri – Viċi-Sindku u s-Sur Patrick Grima – Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-16 ta' Frar 2012.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Approvazzjoni tal-Financial Statements 2011.
6. Offerti MXR/003/2011 – Proġett Pjazza tal-Knisja.
7. Offerti MXR/001/2012 – Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra.
8. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalita'.
9. Rapport tas-Sindku.
10. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
11. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
12. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 5/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Spezzjonijiet mill-MCCAA fuq il-*Playgrounds* tal-Kunsilli Lokali'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 6/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Għeluq tas-Sena Finanzjarja'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 7/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Struttura ta' Riżorsi Umani mal-Kumitati Reġjonali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 8/2012 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija Mistoqsija Parlamentari Numru 31723 rigward il-kuntratti ta' ġbir tal-iskart (bieb bieb), ġbir tal-iskart *bulky* (bieb bieb), knis ta' toroq u postijiet oħra pubbliċi u tindif tal-Latrini li ngħataw mill-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex mis-sena 2008 sal-aħħar tas-sena 2011.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 9/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Projbizzjoni ta' Tipjip fi *Playgrounds* jew Ġonna Pubbliċi – Tabelli li jwissu li ma jistax isir Tipjip fiż-Żoni fejn hemm xi Logħob għall-Użu ta' Tfal'.

2.06 Il-Kunsill irċieva Memo 10/2012 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Permessi Temporanji għal Bejjiegħa fit-Toroq (*Street Hawkers*)'.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand it-Transport Malta bl-ismijiet tal-ħaddiema tat-TM li għandhom jirċievu kopja tal-permessi li joħroġ il-Kunsill.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Managing Director tat-TCTC minħabba li l-attivita' li kienu ser jorganizzaw fis-27 ta' Jannar 2012 fil-Cortile, San Ġwann tħassret u għalhekk ser tiġi posposta għal data oħra, aktar 'il quddiem.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward 'Info Day and Business Breakfast Launching The URBACT II Programme and the Third Call for Proposals' fit-30 ta' Jannar 2012, f' The Palace Hotel, Sliema.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-PR & Communications Officer, National Commission for the Promotion of Equality rigward il-pubblikazzjoni l-ġdida tagħhom 'Unlocking the Female Potential Research Report'.

2.11 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward 'Impjegati mill-Kumitati Konġunti għall-Kumitati Reġjonali'.

2.12 Il-Kunsill irċieva mingħand il-GreenPak il-*Proposal* tar-Reġjun t' Għawdex dwar skema ta' separazzjoni ta' skart mid-djar.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Operations Executive, Social Policy Information Centre (SPIC), Ministry for Justice, Dialogue and the Family rigward l-SPIC *leaflet* li ġie *launched* minnhom.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward 'Consultation Process with MEPA' fejn qed titwassal l-ittra li l-MEPA bagħtet lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bit-tema 'Public Consultation: Environmental Permitting of Industrial Activities', li tissemma f' *e-mail* li l-MEPA bagħtet lill-Kunsilli Lokali.

2.15 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Managing Director tat-TCTC rigward l-'I-KIDS Training Project' għas-Sajf 2012.

2.16 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Uffiċċju tal-Kultura u Informazzjoni fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex rigward il-Kalendarju Kulturali għas-sena 2012 li ġie mniedi mill-Ministru għal Għawdex fil-bidu ta' Jannar u l-Kalendarju Kulturali għas-sena 2013, peress li minn issa bdew jaħsbu għalih.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed iwassal komunikat mingħand il-Council of Europe rigward il-'Best Practice Award Programme 2012'. It-tema għal din is-sena tirrigwardja 'Riġenerazzjoni tal-Lokalitajiet Kostali'.

2.18 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Project Co-ordinator, BeSmartOnline! rigward 'Safer Internet Day' li għal din is-sena hija bit-tema 'Connecting Generations'.

2.19 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Malta Institute of Management rigward il-'MIM National Congress for Women in Management', fit-8 ta' Marzu 2012, fil-Westin Dragonara Resort, San Ġiljan.

2.20 Il-Kunsill irċieva d-*Draft Programme* u *Registration Form* għal 'EU Flagship Project European Year for Volunteering 2011 – Strengthening and Encouraging Volunteering - 4th Meeting: Identifying the Needs of Volunteers Working in Different Sectors' fl-24 ta' Frar 2012, fin-National Council of Women Centre, Blata l-Bajda.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand in-Nutritionist, Health Promotion Unit, Gozo General Hospital rigward l-attivita' 'Cycle and Walk for Cancer' fis-26 ta' Frar 2012.

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Social Marketing & Communication Team Leader, Foundation for Social Welfare Services rigward l-Esibizzjoni organizzata mill-Aġenzija Sapport bl-isem ta' 'Niċċelebraw l-Abbilta'!' mill-20 ta' Frar sal-24 ta' Frar 2012, fil-Palazz Ferreria, l-Belt Valletta.

2.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward l-'Open Call – Urban Regeneration and Improving the Quality of Life'.

2.24 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Ministru, Ministeru għat-Turiżmu, l-Kultura u l-Ambjent rigward in-'National Environment Policy'.

2.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Memo 90/2011 – Skema Sports'.

2.26 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Użu korrett tal-Arma u l-Bandiera ta' Malta'.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Fuq talba ta' resident fi Triq San Pawl, saret stima sabiex isir *water culvert* li jaqbad l-ilma minn Triq Ras il-Bajjada għal wied. L-istima saret mill-Perit William Lewis u tammonta għal €9,709. Dan ir-resident huwa lest li jikkontribwixxi s-somma ta' €1,000. Peress li din il-leġislatura waslet biex tispiċċa, deċiżjoni ser tittieħed mill-Kunsill il-ġdid.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq San Pawl fejn qed isaqsi dwar meta Triq ta' Luvier ser tiġi asfaltata. Peress li kien hemm deċiżjoni tal-Qorti li din it-triq hija privata, l-Kunsill m'għandux informazzjoni.

3.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed issir referenza għall-Mistoqsija Parlamentari 32326 li: Peress li r-residenti ta' Triq ta' Luvier, Il-Munxar Għawdex qed jilmentaw minħabba l-istat ħażin tat-triq, jista' l-Ministru jgħid għaliex din it-triq għadha ma ġietx asfaltata? Id-Dipartiment ser jiġi informat li kien hemm deċiżjoni tal-Qorti li din it-triq hija privata.

3.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur ta' Malta Now Ltd. fejn qed jipproponi li ssir *stand* fuq il-bankina għall-gazzetta sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jieħdu kopja tal-gazzetta 'Malta Now' b' xejn. Ġie deċiż li ssir *stand* fil-Pjazza tal-Knisja, Il-Munxar ħdejn il-*Bus Shelter* u oħra maġenb l-ex-BOV ATM fi Pjazza l-Anfori, Ix-Xlendi.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq ir-Rumani, Ix-Xlendi fejn qed jitlob tweġibiet konkreti dwar kif il-kisi ta' Triq ir-Rumani ser ikun iffinanzjat. Huwa ġibed ukoll l-attenzjoni tal-Kunsill dwar ħsarat li ġarrab fil-karozza tort tal-kundizzjoni tat-triq kif ukoll it-tbatija tat-tfal li qed ikollhom jimxu ġo din it-triq mimlija kollha tajn. Semma wkoll dwar parti ta' triq li tagħti għal fuq wied b' għoli ta' żewġ sulari u ma jeżistix ċint ta' lquħ.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu flimkien maċ-*Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ippreparaw ittra li ser titqassam f' kull dar li jinsabu fit-toroq: Kavallieri, Rumani, l-Andrijiet u Ta' Rinota. L-ittra tgħid hekk:

Aħna hawn taħt iffirmati, għan-nom tagħna u tal-Kunsilliera sħabna xtaqna nibagħtu din in-nota żgħira fid-djar tagħkom, lilkom residenti ta' dawn it-toroq. Dan għaliex qed jirriżultalna li forsi l-pożizzjoni tal-Kunsill fir-rigward ta' dawn it-toroq qed tiġi misinterpretata.

Kif spjegajna fil-Laqgħa tal-Lokalita' dawn it-toroq huma taħt ir-responsabbilta' tal-Gvern Ċentrali għax qed isiru l-ewwel darba.

Meta d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħabbar li ser joħroġ skema biex jgħin fil-bini ta' toroq residenzjali li għadhom ma sarux, il-Kunsill ħass li għandu japplika biex iġib fondi u jkun jista' jgħin fil-bini ta' dawn it-toroq.

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar irnexxilu jakkwista €160,146 - nofs l-ammont ta' l-ispiża biex isiru dawn it-toroq. Dawn huma flus imwiegħda bil-kundizzjoni li x-xogħol isir fi żmien sentejn. Fil-*budget* għal din is-sena, l-Kunsill Lokali Il-Munxar u l-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi allokajna somma biex tmur speċifikament għal dawn it-toroq ukoll. Tlabna sabiex issir laqgħa mal-Gvern Ċentrali fejn ħa nipproponu dawn il-proposti:

1. Jagħtina għajnuna finanzjarja li tagħmel tajjeb għad-differenza li jonqosna biex isiru x-xogħlijiet bit-*tender* li ħriġna apposta għal dawn it-toroq, jew

2. Joħroġ it-*tender* il-Gvern Ċentrali u bil-permess tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali ngħaddu l-fondi tagħna għal dawn it-toroq lill-Gvern Ċentrali.

Nittamaw li jintlaħaq xi tip ta' ftehim ħalli naraw li dawn it-toroq ikunu fi stat li jixraq lir-residenti tagħna.

3.06 Il-Kunsill irċieva proposta mingħand My Destination Malta rigward 360° Virtual Tour tal-lokalita'. Ġew elenkati r-rati fejn l-orħos rata hija ta' €177 u l-għola rata hija ta' €354. Il-Kunsill ma jistax jilqa' din il-proposta peress li m'għandux flus ivvotati għar-reklamar tal-lokalita'.

3.07 Il-Kunsill irċieva stima mingħand SMC Design sabiex isir *banner* dwar il-Proġett tal-Pjazza fil-Pjazza tal-Knisja. Dan il-*banner* ser jiswa €351.64. Kien hemm approvazzjoni.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex. Fl-aħħar laqgħa tal-Kumitat Reġjonali ġie propost illi kull Kunsill għandu jakkwista 10 kopji tal-pubblikazzjoni li ħarġet aktar kmieni din is-sena rigward il-ħidma tal-Kunsill Ċiviku t' Għawdex fl-okkażjoni tal-50 sena mit-twaqqif tiegħu. Għal dan il-għan il-Kumitat Organizzattiv iddeċieda illi jkun hemm prezz ridott ta' €10 kull ktieb jekk il-Kunsill Lokali jixtri 10 kotba għall-prezz ta' €100. Ġie deċiż li l-Kunsill jordna 6 kotba.

3.09 Il-Kunsill irċieva mingħand l-HSBC Bank Malta plc fejn qed juri interess li jiftaħ ATM fil-*Kiosk* tal-*Parking* tax-Xlendi u b' hekk tixxiftja mill-post li qiegħda preżentament. Is-Sindku rrimarka li din hija materja tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

3.10 Is-Segretarju Eżekuttiv kien mar mal-Kuntrattur sabiex isiru xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq rampa u fuq bankina. Għad irid jiġi kkonsultat Sid ir-rampa li qiegħda fi Triq Dun Spir Gauci kif ukoll Sid ta' bankina fi Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi. Peress li l-bankina ta' Triq il-Puniċi hija għolja u trid titbaxxa, s-Sid ser jintalab sabiex ibaxxi l-bieb ta' l-entratura. Ittieħdu r-ritratti ta' dawn iż-żewġ postijiet.

3.11 Is-Sinjura Carmen Said irċeviet ilment dwar ir-*road hump* li kien hemm fi Triq Ras il-Bajjada u wara li ġiet spostjata aktar 'il fuq tat-triq, din issa tneħħiet. Skont ir-residenti, din ir-*road hump* hemm bżonnha. Il-Kunsill għadu qed jistenna l-approvazzjoni tat-TM sabiex din ir-*road hump* terġa' titwaħħal.

3.12 Is-Sinjura Carmen Said irċeviet ilment dwar parti minn Triq is-Sajjieda li qed iżomm l-ilma tax-xita fil-wiċċ tat-triq. Ġie deċiż li jsir *patching* bil-*concrete* f' din il-parti.

3.13 Is-Sinjura Carmen Said ilmentat rigward dlam fi Triq il-Kantra. Hija kellmet lill-Inġinier Muscat biex jipprovdi dawl proviżorju f' din it-triq sa x' ħin il-fanali li hemm jiġu mibdula. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Inġinier kellu jinżel biex jara x' jista' jsir sakemm il-fanali jinbidlu.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 12/12(23_02_12).

**5.00 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2011.**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Financial Statements* għas-sena 2011. Dawn ser jintbagħtu lill-Awdituri sabiex ikunu ċċekkjati u vverifikati. Dawn ġew approvati.

**6.00 Offerti MXR/003/2011 – Proġett Pjazza tal-Knisja.**

6.01 Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill talab kjarifikazzjoni mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk membru tal-Kunsill jistax jaħdem bħala *sub-contractor*. Id-Dipartiment talab lill-Kunsill sabiex jirreferi din il-*query* lill-Avukat tal-Kunsill fejn dan s'issa għadu ma rrispondiex.

Is-Sinjura Carmen Said irrimarkat li peress li hija m'hijiex informata sew dwar din it-*tender* u din il-leġislatura waslet biex tintemm, talbet li din il-materja ma tiġix diskussa.

**12.00 Materji oħra.**

12.01 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni dwar deċiżjoni tal-Kunsill li tliet *road humps* jitqaxxru. Issa peress li l-Kuntratt ta' kisi ta' toroq bit-tarmak kien għalaq, ġie deċiż li dan ix-xogħol jingħata bi kwotazzjonijiet.

12.02 Is-Sindku talab lill-Kunsill li jraqqa' parti ta' Triq il-Munxar bil-*concrete* peress li qed iżomm l-ilma tax-xita.

12.03 Is-Sindku rċieva talba mingħand resident fil-Munxar sabiex passaġġ fir-raba' li jagħti minn Triq Ras il-Bajjada jinkesa bil-*concrete*. Kien hemm qbil dwar dan.

Is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex jiġu diskussi *item* 6 u *item* 7 dwar offerti għal Proġett Pjazza tal-Knisja u Pavimentar Tal-Ponta/Passaġġ tal-Kantra. Is-Sinjura Carmen Said ma qablitx li dawn jiġu diskussi għar-raġuni li hija ma kienetx informata biżżejjed dwarhom. Kien hemm nuqqas ta' qbil dwar dan u s-Sinjura Carmen Said irtirat mil-laqgħa. Peress li ma kienx hemm *quorum* il-laqgħa twaqqfet.

Il-ħin kien is-6.35 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***